MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1208/2005

**Bank of Valletta p.l.c**
**Vs**
**Paul u Rita mizzewgin Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet: illi kkoncedit facilitajiet bankarji lill-konvenuti Paul u Rita mizzewgin Mallia;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Paul u Rita mizzewgin Mallia fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u tmenin Liri Maltin u tlett centezmi (LM 21,980.03) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Paul u Rita mizzewgin Mallia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa Dok. B2") flimkien ma l-imghax ulterjuri mit-2 ta' Dicembru, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 30 ta' Gunju, 2000 fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Paul u Rita mizzewgin Mallia (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulate fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Paul u Rita mizzewgin Mallia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Frar 2005 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok 'C', sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Paul u Rita mizzewgin Mallia (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulate fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Paul u Rita mizzewgin Mallia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazing il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Paul u Rita mizzewgin Mallia jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u tmenin Liri Maltin u tlett centezmi (Lm 21,980.03) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Paul u Rita mizzewgin Mallia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-2 ta' Dicembru, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 4 ta’ Frar, 2005 u tal-Mandati ta’ sekwestru ta’ qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat ta’ tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------